MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Awwissu, 2005

Numru 140/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Ramon Mercieca**
**V**

**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **OMISSIS** gew imressqa quddiemha akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, matul x-xahar ta' Marzu 2005 u fix-xhur ta' qabel fi bnadi differenti f'Malta u f'hinijiet differenti, kellhom fil-pussess taghhom r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-Fiat tal-Avukat Generali datat hdax ta' Awissu 2005 moghti skond s-sub artikolu 2 tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) a fol 8 et seq tal-process sabiex din

il-kawza tigi trattata w deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet l-ammissjoni tat-tlett imputati ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif jirrizulta waqt is-seduta ta' nhar t-tlieta ta' Awissu 2005 u ghalhekk fuq ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata maghmula quddiem l-Avukati Difensuri tal-stess imputati, l-Qorti tiddikjara li qed issb lit-tlett imputati hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom.

Il-Qorti wisset lill-istess imputati b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom ftit taz-zmien biex jekk riedu setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta ta' llum u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Dwar il-piena:

Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija tat-tlett imputati, il-koperazzjoni taghhom kif ddikjarat mill-Prosekuzzjoni seduta stante, l-fatt li l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess taghhom hija wahda zghira u l-fedina penali netta tat-tlett imputati w ghalhekk hija tal-fehma li din il-Qorti ghandha timponi conditional discharge f'dan il-kaz.

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u partikolarment l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lit-tlett imputati OMISSIS hatja tal-akkuzi kollha moghtija fil-konfront taghhom fuq ammissjoni taghhom stess u tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn [2] mill-lum bl-applikazzjoni tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din s-sentenza lil imputati u x'jigri jekk jonqsu li joservawha.**

**L-imputati jiddikjaraw li fehmu ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza.**

**Il-Qorti tordna li l-isem u partikolaritajiet tal-imputati m'ghandhomx jigu pubblikati fuq il-mezzi kollha tax-xandir.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------